Qorti tal-Appell
(Kompetenza Infejuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Nru. 13/14AE

Wara d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzar tat-12 ta' Mejju 2014 fil-każ fl-ismijiet:-

**Gaetano Cutajar (KI 371447M)**
**George Cutajar (KI 184159M)**

**vs**

**Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kummerċ**

L-Erbgha, 23 ta' Marzu 2016.

Dan hu appell mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell dwar il-Liċenzar fuq indikata.

Il-fatti li taw lok għal dan l-appell huma dawn:-

Carmelo Cutajar, missier l-appellanti kellu *Lodging House Licence* relattiva għall-fond numru 16, Lascaris Wharf, Valletta li nħarġet fis-sena 1949. Miet fil-1999. Bejn is-snin 1999 u 2001, l-appellanti komplew iħallsu l-liċenzja f'isem missierhom lill-Police Licensing Unit. Fl-14 ta' Novembru 2002 id-Dipartiment tal-Kummerc, li gie fdat bir-responsabbilta ta' licenzji bis-sahha tal-Att XXVIII tal-2001, irrifjuta l-ħlas billi l-liċenzja kienet sospiża peress li ma setgħetx tibqa' f'isem persuna mejta. Il-Kunsill Lokali tal-Belt aċċetta l-ħlas għas-snin 2002 u 2003.

B'sentenza tal-Prim'Awla tal-14 ta' Lulju 2011, wara kawża ma' ħuthom, l-appellanti ġew immessi fil-pussess tal-fond imsemmi li missierhom kien ħallielhom b'legat. L-appellanti talbu lid-Dipartiment tal-Kummerċ biex jirriattiva l-liċenżja. Fil-11 ta' Jannar 2012 id-Direttur tad-Dipartiment tal-Kummerċ infurmahom li ma setax jirriattiva l-liċenżja peress li ma kienx għadu responsabbli minn liċenżji simili u li kellhom japplikaw mal-Malta Tourism Authority sabiex tinħareġ il-liċenzja in kwistjoni.

Waqt laqgħa fit-13 ta' April 2013 id-Direttur tal-Malta Tourism Authority infurmat lill-appellanti li peress li l-liċenzja ma kinitx ġiet sospiża mill-Awtorita`, kien id-Dipartiment tal-Kummerċ li kellu l-kompetenza jirtira s-sospensjoni. B'ittra tal-10 ta' Jannar 2013 id-Dipartiment irrifjuta t-talba biex tiġi rtirata s-sospensjoni. Deċiżjoni sussegwentement ikkonfermata mill-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenżar, wara li kkunsidra li:

1. L-appellanti ma ħadux ħsieb li jsegwu l-proċedura rikjesta sabiex il-permess idur fuqhom skont Reg. 19 tat-*Trading Licences Regulations* 2002. Huma kellhom jiċċitaw il-proċeduri pendenti mal-werrieta bħala raġuni tajba għaliex ma talbux il-qlib tal-permess qabel imbagħad l-appellat kien jikkunsidra jagħmel it-tibdil meħtieġ.

2. B'effett mit-2006, l-appellat ma baqax iktar l-entita` li tieħu ħsieb il-*Lodging Houses,* li ġiet vestita fil-Malta Tourism Authority skont il-Kap 409.

Permezz ta' rikors preżentat fl-10 ta' Gunju 2014, l-aħwa Cutajar appellaw mid-deċiżjoni. Fl-ewwel aggravju jsostnu li d-deċiżjoni tal-Bord hi proċeduralment irritwali u nulla kemm fiha nnifisha kif ukoll kawża tal-kondotta tal-proċeduri waqt is-smigħ quddiemu billi:

(i) Id-deċiżjoni ingħatat *in camera* minflok f'seduta;
(ii) Id-deċiżjoni ma fihiex data;
(iii) L-ewwel seduta nżammet kważi 9 xhur wara li l-esponenti ressqu l-oggezzjoni taghhom.

Fit-tweġiba tieghu għal dan l-aggravju, l-appellat wieġbu li l-proċeduri ma kkawżaw l-ebda preġudizzju sostanzjali lill-appellanti. Di piu`:

(i) l-appellanti kienu nfurmati li s-sentenza kienet se tingħata b'dan il-mod u dan biex jingħelbu diffikultajiet loġistiċi
(ii) id-data fid-deċiżjoni mhux rekwiżit *ad validitatem* u fi kwalunkwe każ l-appellanti ngħataw data u l-jedd tagħhom tal-appell ma ġiex ippreġudikat
(iii) id-dewmien kien dovut ghall-appellanti li ma ressqux provi mal-appell tagħhom u l-Bord kiellu bżonn ta' iktar dokumenti u evidenza.

Il-qorti tibda biex tosserva li l-Bord għandu josserva l-provvedimenti proċedurali. F'dan il-kuntest issir riferenza ghal-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07 (*Regolament dwar il-Licenżi tal-Kummerċ*). Per eżempju appell quddiem il-Bord tal-Appell għandu jinstema' fi żmien ta' mhux inqas minn tliet ijiem ta' xogħol imma mhux iktar minn għaxart ijiem ta' xoghol mid-data tal-preżentata tal-appell. Il-qorti tifhem li t-terminu mpost hu minhabba li si tratta ta' liċenżja ta' negozju fejn allura wieħed jifhem li hemm ċertu urġenża. F'kull każ mill-atti jirriżulta li:

i. Fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2013, intqal: "*The Chairman thanked both parties and explained that they will be informed regarding the method of communication of the Board's decision*".
ii. M'huwiex ċar jekk id-deċiżjoni ngħatatx *in camera* jew fil-miftuħ. F'email datata 12 ta' Mejju 2014 li ntbagħtet mis-Segretarju tal-Bord lill-avukat tal-appellanti, jingħad: "*Decision was delivered and agreed some time ago but could not be communicated pending*

*signature by all Board members".*

iii. Fid-deċiżjoni m'hemmx data. Pero s-segretarju tal-Bord għarraf lid-difensur tal-appellanti li d-data kellha titqies bħala 12 ta' Mejju 2014.

B'danakollu skond l-Artikolu 790 tal-Kap. 12:-

*"Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tinġieb 'il quddiem eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eċċezzjoni ma għandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha, ħlief jekk l-eċċezzjoni tkun ibbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq illeġittimità ta' persuna jew fuq li s-sentenza tal-ewwel qorti hija extra petita jew ultra petita jew fuq kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq".*

Il-qorti tqies li dan il-provvediment japplika wkoll fil-każ in eżami. Dan apparti li:

- Ir-regolamenti ma jipprovdux ghan-nullita' f'każ li l-appell ma jinstemgħax fit-terminu stabbilit f'regolament 44.
- In-nuqqas ta' data fid-deċiżjoni m'hijiex bażi ta' nullita. Ingħatat kif ingħatat id-deciżjoni, xorta ġiet komunikata lill-partijiet u l-appellanti ma ġewx preġudikati stante li ma tilfux il-jedd li jappellaw.

Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti jargumentaw li l-Bord tal-Appelli kellu japplika l-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ (Kap 441) u mhux l-Att dwar Servizz tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu ghal Malta (il-Kap 409) billi l-liċenzja nħarġet taħt il-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap 10). Skond l-Artikolu 187 tal-Kap. 441, meta persuna liċenzjata tmut, l-eredi seta' jkompli jeżerċita n-negozju relattiv sakemm il-liċenzja tibqa' fis-seħħ diment li ma jiġix ipprojbit li jissokta jinnegozja mill-pulizija. Bl-introduzzjoni tal-Kap 441 bl-Att XXVII.2001) id-Dipartiment tal-Kummerċ sar l-awtorita` kompetenti, b'dan illi liċenzji maħruġin jew imġeddin mill-Pulizija qabel il-bidu fis-seħħ tal-Att kellhom jibqgħu validi (Art.5(2) u Art. 12(4)(LN 441.07); ir-regolamenti precedenti kellhom jibqgħu fis-seħħ sakemm jiġu emendati jew imħassra; u kull liċenzja maħruġa tibqa' titqies valida (Art.22(2) u 22(3), Kap 441). Għalhekk kienet din il-liġi li kellha tiġi applikata mill-Bord tal-Appelli. Kienet korretta d-deċiżjoni tal-Malta Tourism Authority li ma kellhiex x'taqsam mal-ħruġ tal-liċenzja in kwistjoni. Kien id-Dipartiment tal-Kummerċ li kien kompetenti, billi l-liċenzja fl-ebda moment ma ġiet ikkanċellata, imma kienet u ghadha biss sospiża.

Għat-tieni aggravju, l-appellat wieġeb li l-Bord applika l-Kap 409 wara li kkunsidra li llum it-*tourism operations* huma kollha regolati mill-Awtorita`tat-Turiżmu. Il-kwistjoni kollha taġġira fuq il-fatt li l-appellanti ma talbux it-trasferiment fiż-żmien li kien stipulat mil-liġi.

Ikkunsidrat dwar it-tieni aggravju:-

L-artikolu 187 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10) kien jintitola lill-werriet li *"ikompli n-negozju taħt l-istess liċenza"* li kellu d-*decujus*, u dan sakemm il-liċenza tibqa' fis-seħħ. Liċenza li kienet tinħareg taħt il-*Police Licences Regulations* (G.N. 846 tal-1949). Provvediment li **tħassar** bl-Att XXVII tal-2001, ċjoe' l-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ (Kap. 441). Madankollu skond l-Artikolu 33(3) tal-istess ligi, kull liċenzja li kienet fis-seħħ qabel saret l-emenda, kellha **tkompli fis-seħħ** *"…. Bħallikieku kienet liċenzja…. mogħtija taħt xi disposizzjoni korrispondenti ta' dan l-Att, jew taħt dawk il-liġijiet kif emendati, skond ma jista' jkun jeħtieġ il-każ; u kull tali liċenzja, permess, sensja jew awtorita' kif hawn qabel imsemmija għandhom ikunu trattati u jsir minnhom skond hekk"*.

Fit-30 ta' April 2002 ġew pubblikati r-Regolamenti tal-2002 dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ. Kif daħlu fis-seħħ, ħadu post il-Police Licence Regulations fejn applikabbli (ara Artikolu 33(2) tal-Att XXVII tal-2001). Skond regolament 19(1): *"Jekk id-detentur ta' liċenzja jmut, il-liċenzja tista' tiġi trasferita lis-suċċessur tiegħu skond il-liġi b'titolu universali jew singolari …………"*. Imbagħad regolament 19(2) kien jipprovdi li:- *"Fi żmien sitt xhur mill-mewt tad-detentur ta' liċenzja jew id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, is-suċċessur skond il-liġi għandu jagħmel applikazzjoni lis-Sezzjoni Liċenzji tal-Kummerċ fuq il-formola adatta, fejn jitlob it-trasferiment tal-liċenzja favor tiegħu"*. Regolamenti li ovvjament japplikaw ukoll ghal dawk il-każijiet fejn id-detenturi tal-liċenzji jkunu diġa' mietu qabel daħlu fis-seħħ ir-regolamenti, tant li t-terminu ta' sitt xhur beda jiddekorri wkoll mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolamenti. Għalhekk min kien fil-posizzjoni tal-appellanti ngħata sitt xhur mid-dħul fis-seħħ tar-regolamenti sabiex jittrasferixxi l-liċenza f'ismu. Wieħed irid jiftakar li skond il-Police Licence Regulations, liċenzja hi personali (ara regolament 9(1) tal-Police Licence Regulations, Legislazzjoni Sussidjarja 128.01 u li għadu t-test originali tal-1949). Hu minnu li l-appellanti kellhom ix-xkiel tal-kawża, pero' skond l-istess regolament setgħu talbu li t-terminu ta' sitt xhur jigi mtawwal *"…. għal dak il-perjodu, jew perjodi ulterjuri li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jintemmu l-proċedimenti legali"* (regolament 19(5)). Ma jidhirx li taħt il-liġi l-ġdida persuna setgħet tkompli tinnegozja b'liċenzja maħruġa f'isem persuna mejta. L-appellanti lanqas ma jistgħu jieħdu xi benefiċċju mill-Artikolu 187 tal-Kap. 10 ġialadarba dak il-provvediment ma baqax liġi.

Hu minnu li fis-sena 2006 daħlu fis-seħħ regolamenti ġodda (Legislazzjoni Sussidjarja 441.07) li jidher li ħadu post ir-regolamenti tal-2002, u li fuqhom l-appellanti bbażaw it-tieni aggravju. Pero' għal każ tal-appellanti japplikaw ir-regolamenti tal-2002. L-appellanti ma għamlux il-proċedura kontemplata mil-ligi sabiex il-liċenzja li kellu missierhom tigi trasferita f'isimhom u lanqas ma talbu ghal estensjoni tat-terminu ta' sitt xhur. Fiċ-ċirkostanzi tilfu l-jedd għat-trasferiment tal-liċenzja f'isimhom u għalhekk jidher li ma jistgħux jibbenefikaw minn dik il-liċenzja. Il-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07 ma tatx lok ghal ħolqien ta' xi drittijiet ġodda. L-appellanti qatt ma kellhom liċenza f'isimhom u b'regolament 19 tar-Regolamenti tal-2002 jidher li l-intenzjoni kienet li ma jibqgħux liċenzji reġistrati f'isem persuna mejta.

Jiġi wkoll miċħud l-ewwel aggravju, meqjus li l-qorti ssib li s-sentenza tal-Bord hija sostanzjalment ġusta fis-sustanza tagħha.

**Għal dawn il-motivi, tiċħad l-appell bl-ispejjez a karigu tal-appellanti**.

Anthony Ellul